MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1176/2003

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta’ Novembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fid-disa’ (9) ta’ Settembru 1995, u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. “A”;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress li kien inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b' difett serju ta' dikrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; u b' anomalija psikologika li ghamlitha mpossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kovenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a), (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-Zwigijiet**;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fid-disa' (9) ta' Settembru 1995 huwa null u bla effett fil-Ligi u dana *ai termini* ta' dak dispost fl-**Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jixhed ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-13 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici tletin (30) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-attrici datata 29 ta' April 2004, a fol. 13, li permezz taghha esibit l-affidavit taghha.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 4 ta' Mejju 2004, a fol. 24, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha

takkordalha n-notifika lill-konvenut bil-procedura tal-pubblikazzjoni w affissjoni.

Rat id-digriet datat 5 ta’ Mejju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat in-notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12**.

Rat in-nota tal-attrici datata 25 ta’ Mejju 2005, a fol. 27, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta’ missierha **Anthony Giorgo** u l-affidavit ta’ martu **Josephine Giorgo.**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 2 ta’ Gunju 2004 fejn ecceppixxa illi:-

1. Illi hemm qbil li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Settembru 1995 huwa null u bla effett izda dan bi htija unika tal-attrici u dan peress illi *inter alia,* il-kunsens taghha kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

2. Illi salv’ eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 33 u fol. 34 tal-process.

Rat it-talba tal-konvenut ghall-Ghajnuna Legali datata 17 ta’ Mejju 2004, a fol. 36 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 17 ta’ Mejju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba w assenjat lir-rikorrenti bhala difensur lill-Avukat Dr. Vincent Galea u bhala l-Prokuratur Legali lil Liliana Buhagiar.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata 4 ta’ Gunju 2004, a fol. 40.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Gunju 2004, fejn Dr. Claire Zammit Stafrace ghall-attrici ddikjarat li ghalqet il-provi u ghaddiet kopja ta’ l-afidavits lill-kontro-parti *seduta stante.* Il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent

Gudizzjarju biex tiffissa seduta wahda ghall-konkluzzjoni tal-provi fil-mori tad-differiment.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Ottubru 2004.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-2 ta’ Dicembru 2004 appositament sabiex tinstema’ x-xhieda tal-konvenut, li pero’ lanqas deher, kif lanqas attenda l-avukat tieghu kollox kif hemm indikat a fol. 44 u fol. 45 tal-process. Il-Qorti tinnota li l-istess Assistenta Gudizzjarja giet nominata fil-15 ta’ Gunju 2004 u sad-differiment tat-22 ta’ Frar 2005 jidher li giet iffisata din is-seduta biss, li appuntu fiha ma’ sar xejn.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Frar 2005, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Marzu 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed titlob li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Settembru 1995 ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (d) u (f) ta’ l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *“B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)*** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’”;*

*(d) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*(f) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** hemm provdut li z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim'Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' trid tkun ta' certa gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), gie ritenut li *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn,*** u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta’ biza’ xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **“Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri”,** P.A. (F.D.) fis-6 ta’ Lulju 1993), fejn il-Qorti diversament presjeduta rriaffermat hekk:-

*“Ghal dak li jirrigwarda l-biza’ din tista’ tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta’ dak il-hin, kemm minn haga li tista’ tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta’ min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista’ jigrilu”.*

Illi fil-kawza **“Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe.”** (P.A. (F.D.) fit-12 ta’ Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza’ bhala *“dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta’, hekk li, precizament minhabba din il-biza’, ‘quis cogatur ad contrahendum matrimonium”.*

Illi fis-sentenza **“Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca”,** (P.A. (F.D.) – 16 ta’ Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza’ hija *“the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse”.*

Illi l-istess inghad fil-kawza **“Joseph D’Ugo vs Rita D’Ugo”** (P.A. (F.D.) – 28 ta’ Gunju 1994), fejn ghal darba ohra gie sostnut is-segwenti u cjoe’ li:-

*“Il-biza’ tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza’ trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid”.*

Illi l-attrici tibbaza l-azzjoni taghha wkoll fuq l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *“vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew*

*fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso.*

*Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)*** *, p. 686).*

Illi kif gja inghad **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, new ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"***.**

Illi ma hemmx dubbju li l-legislatur Malti, meta fformula dana l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sal-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti illum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**Kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano*** (**Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992**):-

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam propprietatem. Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue I casi e' sempre invalido."* (op. cit. p.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta tieghu interna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (***Bejan*** 29 ta' Lulju, 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (***Abbo*** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla*** 18 ta' Dicembru 1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista' jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca*** 15 ta' Lulju 1973) (***Ferraro*** 26 ta' April 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"for his own purposes which are different from marriage".* (***Rogers*** 11 ta' Novembru 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoincidux ma dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma tesskludix lill-ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi min-naha l-ohra fil-kaz ta' nullita' parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fit-totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifhmuh ahna ghandu abbazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta reciproka li l-partijiet jaghtu u jweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Illi ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punti iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni tal-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara

z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni wara z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu rizultat ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'il fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP) u **"Ramon Farrugia vs Judith Farrugia xebba Alfino"** (P.A. (RCP) 27 ta' Jannar 2005).

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Settembru 1995 u jidher li dan iz-zwieg sar ghaliex l-istess attrici inqabdet tqila, u minkejja li kien hemm opposizjoni ghal dan iz-zwieg mill-genituri ta' l-attrici, jidher li din accettat il-proposta tieghu sabiex jizzewwgu; jidher li fil-fatt, mill-mod li giet ipprezentata x-xhieda mill-attrici, li din it-tqala kienet kollha kemm hija idea tal-konvenut, li ried juza l-istess tqala sabiex l-attrici tkun kostretta tizzewwgu, proprju minhabba t-tarbija u ghalhekk ma' tibqax taht il-kontroll tal-genituri taghha, li kienu minn dejjem opponew ghall din id-decizjoni.

Illi in verita' jidher li f'dak iz-zmien l-attrici ftit riedet konvinciment jew inkoraggament minghand il-konvenut ghaliex kienet kompletament infattwata bih, u fil-fatt accettat jew ikkonsentiet li tinqabad tqila proprju sabiex tkun tista' tizewweg lill-konvenut, propju kif issugerixxa huwa.

Illi f'dan il-kuntest ma' hemm ebda dubju li l-istess partijiet kienu t-tnejn li huma affetti minn nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u jidher li l-affarijiet saru mill-partijiet b'pika sabiex tghaddi tagghom u mhux ta'

haddiehor, u dan minkejja l-fatt li jidher car li l-istess kontendenti kienu ghadhom jahsbu l-affarijiet bhala tfal u ma’ kellhom l-ebda preparazzjoni ta’ xejn ghall-istess zwieg, u dan kemm mill-*punto di vista* emottiv, intelletwali u wkoll materjali. F ‘dan is-sens it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta’ **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi mir-rakkont ta’ l-attrici u tax-xhieda minnha prodotti jirrizulta wkoll li in verita’ l-istess konvenut qatt ma’ ttratta lill-martu bhala s-siehba tieghu fiz-zwieg u ma’ jidher li kellu l-ebda impenn ta’ *consortium vitae* lejn l-istess martu, tant li baqa’ jghix ta’ guvni, u fuq kollox kien konsistentement infidil lejn martu, u kien iddahhal anke nisa li kellu relazzjonijiet maghhom id-dar fejn toqghod l-attrici, u wasal anke sabiex irrakkonta fid-dettal lill-martu stess ir-relazzjonijiet intimi li huwa kellu ma’ wahda minn dawn in-nisa. Certament li mir-rakkont kollu ta’ l-attrici, kkoroborat mix-xhieda ta’ familjari taghha, jirrizulta li l-istess konvenut ma’ kellux il-minimu ta’ impenn lejn il-hajja mizzewga, u fil-fatt jidher li tant kien konsistenti fl-agir tieghu egoistiku li jista’ jinghad li l-istess konvenut qatt ma’ kellu intenzjoni li josserva diversi elementi essenzjali taz-zwieg, fosthom dik ta’ fedelta’ lejn martu, u ta’ *consortium vitae,* tant li gie ppruvat li hafna drabi u spiss kienet l-attrici li kellha tahseb ghall-bzonnijiet tal-familja, ghaliex l-istess konvenut kien iktar mohhu fil-hbieb tieghu nkluz nisa li gieli wkoll gab id-dar ta’ l-attrici. F’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ukoll abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fid-disa’ (9) ta’ Settembru 1995 huwa null u bla effett fil-Ligi u dana *stante* li l-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** mentri dak tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu**

**19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255, l--Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**;

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------